MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2015

Talba Numru. 634/2012

**Custom & Freight Agency Limited**

**C 17475**

**Vs**

**3 Bees Joint Venture**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-12 ta' Settembru, 2012 fejn is-socjeta' attrici tablet illi fis-sena 2010, is-socjeta' attrici 'pprovdiet servizzi ta' transport lis-socjeta' intimate u dan kif giet mitluba u nkarigata taghmel mill-istess socjeta';

Illi l-prezz ta' servizzi rezi huwa ta' tlett elef seba' mija u sbatax-il ewro (€3,717) u dan kif jidher mill-annessa fattura datata 26 ta' Awissu 2010 (Dok CF1);

Illi fit-23 ta' Mejju 2011 sar hlas akkont ta' din il-fattura fl-ammont ta' elfejn ewro (€2,000), u dank if jidher mill-anness Dokument immarkat Dok CF2;

Illi ghalhekk il-bilanc dovut mis-socjeta' intimate favur is-socjeta' rikorrenti huwa ta' elf seba' mija u sbatax-il ewro (€1,717);

Illi ghalkemm is-socjeta' intimate giet interpellata diversi drabi, kemm verbalment u kemm bil-miktub, sabiex thallads id-debitu dovut, dan il-kreditu sa 'llum baqa' ma thallasx;

Illi ghalhekk is-socjeta' attrici filwaqt illi taghmel referenza ghas-suespost titlob lil dan it-Tribunal sabiex:

1. Jiddikjara illi s-socjeta' intimate hija debitrici tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' ta' elf seba' mija u sbatax-il ewro (€1,717);
2. Jikkundanna lis-socjeta' intimate thallas l-imsemmi ammont ta' elf seba' mija u sbatax-il ewro (€1,717) dovuta lis-socjeta' attrici ta' servizzi ta' transport li pprovdiet is-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 828/12 u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data tas-servizzi rezi.

Is-socjeta' konvenuta 3 Bees joint Venture debitament noifikata 'pprezentat risposta fis-16 ta' Novembru, 2012 fejn eccepiet illi preliminarjament, l-ammont mitlub huwa preskritt bid-dekors ta' sena ai termini tal-Artikolu 2147 (d);

Fi kwalsijasi kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ebda ammont m'hu dovut mill-esponenti lis-socjeta' mittenti;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet suesposti, is-socjeta' konvenuta titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jichad it-talbiet attrici;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti

Xehed Kevin Attard direttur tas-socjeta' attrici li spjega illi l-kumpanija tieghu taghmel negozzju ta' trasport minn pajjizi barranin ghal Malta. Is-socjeta' konvenuta kellha bzonn servizzi ta' trasport ta' oggetti relatati ma kostruzzjoni. Din ma kinitx l-uniku darba li s-socjeta' konvenuta uzat is-servizzi tas-socjeta' attrici izda dejjem hallset hlief il-bilanc ta' elf seba' mija u sbatax-il ewro (€1,717). Qal ukoll illi minkejja li kien hemm credit period ta' tletin gurnata (30) l-kumpanija konvenuta dejjem hallset wara u peress illi baqghu juzaw is-servizzi tas-socjeta' attrici dan kien qed jigi accettat.

Xehed Vince Borg wiehed mid-Diretturi tas-socjeta' konvenuta li spjega illi huma mhux l-ewwel darba li uzaw is-servizzi tas-socjeta' attrici izda gie li l-konsenja li fuqha hemm bilanc allegatament dovut kien wasal f'diversi trailers. Pero' minkejja li kien qed ihallas b'full load trailer l-ewwel trailer kien mimli tletin fil-mija (30%) tieghu filwaqt illi l-ahhar wiehed kien mimli hamsa fil-mija (5%) biss. L-ewwel trailer thallas xorta pero' l-ahhar trailer ma jhossx li ghandu jhallsu. Dan il-fatt gie kkonfermat ukoll minn Mark Zammit project Manager tas-socjeta' konvenuta. Spjega illi kienet tkun is-socjeta' attrici li tiddecidi kemm hemm bzonn trailers. Xehed ukoll Bradley Refalo f'dan is-sens.

It-Tribunal wara li ra l-provi prodotti u ra n-noti ta' sottomissjonijiet huwa tal-fehma illi kienetresponsabilita tas-socjeta' attrici li flimkien mas-socjeta' estera tiddelibera kemm hemm bzonn trailers. F'din il-kwistjoni ma dahlitx is-socjeta' konvenuta. Ghalhekk fil-fehma tat-Tribunal is-socjeta' konvenuta ma ghandhiex thallas ghal zbalji li setghu hadu l-kumpanija attrici jew il-kumpanija estera.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal tilqa' l-eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta u tilliberaha mit-talba ghal hlas.

Spejjez tal-kawza jkun a karigu tas-socjeta' attrici.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------